**23 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Oscar Caruana Montaldo *et*

*versus*

Anthony Francica

**Ritrattazzjoni – Deċiżjoni *Ultra Petita* – Deċiżjoni *Extra Petita***

*Il-Qorti ċaħdet it-talba għal ritrattazzjoni fuq bażi li s-sentenza kienet ultra petita jew extra petita.*

*Rassenja u studju interessanti kemm ta' l-istitut tar-ritrattazzjoni kif ukoll ta' xi ġurisprudenza in materja.*

Il-Qorti: –

Rat it-talba ta' l-atturi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex fi żmien qasir u perentorju ffissat lilu mill-Qorti jivvaka u jiżgombra mill-fond ossija garaxx li jġib l-isem ta' *'Francica Grocery'*, numru 67 jew numru ieħor verjuri *Saint Francis Street*, Ħal-Balzan proprjetà ta' l-atturi, prevja dikjarazzjoni li qiegħed jokkupa l-imsemmi fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' l-imsemmija Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta mogħtija fil-11 ta' Ġunju, 1986, li biha ddikjarat li l-lokazzjoni tal-fond ġà eżistenti bejn il-konvenut u missieru m'hix valida fil-konfront ta' l-atturi, iddikjarat li l-konvenut qiegħed jokkupa l-istess fond bla titolu validu u laqgħet it-talba u għall-fini ta' l-iżgumbrament ipprefiġġiet lill-konvenut it-terminu ta' tliet xhur mid-data ta' l-istess sentenza, l-ispejjeż tal-ġudizzju *jitħallsu kollha mill-konvenut*;

Rat is-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru, 1986, li biha għar-raġunijiet hemm indikati ċaħdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat is-sentenza appellata b'dan li t-terminu ta' tliet xhur, iffissat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata għall-finijiet ta' l-iżgumbrament, jibda jgħaddi minn dik in-nhar ta' l-istess

sentenza, l-ispejjeż ta' l-appell jitħallsu mill-konvenut appellant;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut ipprezentata fit-18 ta' Frar, 1987, li biha talab għar-raġunijiet hemm indikati li prevja r-revoka u tħassir tas-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti tal-25 ta' Novembru, 1986, fil-kawża fl-ismijiet "Oscar Caruana Montaldo *et versus* Anthony Francica" in kwantu dina l-Qorti ddeċidiet li l-konvenut m'għandux titolu validu għall-okkupazzjoni tal-fond imsemmi, bil-konsegwenti żgumbrament li ġie ordnat – liema revoka qed tintalab a tenur ta' l-artikolu 811(f)(g) (Kap. 12) u ċjoè billi s-sentenza ġiet mogħtija fuq ħaġa m'hix imdaħħla fit-talba u billi fis-sentenza ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab kif superjorment spjegat – din il-Qorti tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża fuq dawk il-kapijiet u għal dawk ir-raġunijiet hemm indikati u dan taħt l-inċiżi fuq imsemmija (f) u (g) ta' l-artikolu 811 (Kap. 12);

Rat it-tweġiba ta' l-atturi pprezentata fit-3 ta' April, 1987;

Ittrattat it-talba għar-ritrattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Fil-kawża fl-ismijiet "Harrison *noe vs* Zammit" (Kollez. Deċ. Vol. XXII.III.235) ġie osservat illi *"il giudizio di ritrattazione ha un doppio oggetto: quello di fare annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare un'altra sentenza, e si compone di due stadi distinti da non confondersi l'uno coll'altro, detti dai pratici il rescindente ed il rescissorio. La legge (art. 828 Proc. Civile) enumerando i motivi che danno luogo alla ritrattazione stabilisce che una causa può essere per qualcuno*

*di quei motivi ritrattata, previa la revoca di quella sentenza; così esse vuole che si giudichi prima dell'ammissibilità della domanda di revocazione e poscia del merito; e per l'ovvia ragione che a tale ultimo esame non si potrebbe fare luogo prima che venga tolto l'ostacolo della cosa giudicata"*. Il-Qorti għalhekk sejra fl-ewwel lok teżamina l-kwistjoni ta' l-ammissibilità o meno tad-domanda għar-revoka tas-sentenza;

*Il-motivi ta' ritrattazzjoni invokati f'dan il-każ huma* dawk miġjuba fl-artikolu 811(f) u (g), Kap. 12, Ediz. Riv. 1984 (ġà art. 814 (f) u (g) Kap. 15 Ediz. Riv. 1942) li jiddisponi li kawża deċiża b'sentenza fi grad ta' appell tista' tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra s-sentenza, .....(f) jekk is-sentenza tkun ġiet mogħtija fuq ħaġa mhiex imdaħħla fit-talba u (g) jekk bis-sentenza jkun ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab. Kif jidher mill-petizzjoni tal-konvenut għar-ritrattazzjoni huwa qed jippretendi li din il-Qorti ddeċidiet *"extra petita"* u *"ultra petita"* (1) billi, wara li qablet mas-sottomissjoni tiegħu li kien kera l-fond mingħand missieru (l-enfitewta) ma jmisshiex għaddiet biex teżamina d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1619, Kodiċi Ċivili, *stante* li l-ilment jekk il-kera kienx baxx jew le ma kienx jifforma parti mill-mertu tal-kawża, u anke (2) billi l-kwistjoni kienet timpernja dwar il-fond ossija garaxx *Francica Grocery* b'numru 67 jew verjuri meta fil-fatt sa mill-bidu tal-lokazzjoni lill-konvenut il-fond kien jismu *"Welcome Store"* u kien bla numru;

Ikkunsidrat:

Jirriżulta mill-proċess (fol. 4) illi fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut kien eċċepixxa li "t-titolu ta' l-esponenti huwa validu *stante* li dderiva lilu mid-detentur b'titolu temporanju

li salv li sar b'kondizzjonijiet ġusti għandu jiġi rispettat mid-direttarji (sidien skond il-ġurisprudenza patria.....";

Jirriżulta wkoll li f'ittra li kien bagħat il-konsulent legali (ta' allura) tal-konvenut fl-24 ta' Marzu, 1981, (fol. 6) lill-atturi, ingħad espressament li "il-klijent tiegħi jixtieq jiġbdilkom l-attenzjoni għall-fatt illi skond l-artikolu 1619 tal-Kodiċi Ċivili l-lokazzjoni li kienet vinkolanti bejnu u bejn l-enfitewta Emanuel Francica tibqa' valida u vinkolanti bejnkom, bħala proprjetarji tal-garaxx u bejnu bħala inkwilin". Hekk ukoll fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut quddiem l-ewwel Qorti (para. 4, fol. 47) ingħad hekk: "Illi *una volta* dina l-Qorti taqbel ma' l-esponent u taċċetta d-deposizzjoni tiegħu li l-atturi kienu ġew infurmati minnu li kien kera l-ħanut mingħand missieru bil-kera ta' Lm75 fis-sena, jibqa' għall-Qorti sabiex teżamina jekk dina l-kirja saritx b'kondizzjonijiet ġusti a terminu ta' l-art. 1619(1) tal-Kodiċi Ċivili u bħala tali għandha tiġi rrispettata mid-direttarji fit-terminazzjoni ta' l-enfitewsi". In segwitu għal din l-asserzjoni l-konvenut imbagħad għadda biex jissottometti għall-konsiderazzjoni tal-Qorti l-argumenti li fil-fehma tiegħu kienu juru li l-kondizzjonijiet tal-kirja kienu ġusti;

Dan kollu juri kemm hija infondata l-pretensjoni tal-konvenut li l-Qorti ddeċidiet *"extra petita"* u *"ultra petita"* meta, wara li qablet miegħu li kien hemm lokazzjoni bejnu u l-enfitewta temporanju, għaddiet biex teżamina jekk il-kondizzjonijiet kinux ġusti skond ma jirrikjedi l-artikolu 1619. Jidher minn dak li għadu kemm ġie ċċitat fil-paragrafu preċedenti li l-istess konvenut, sa minn qabel ma nbdew il-proċeduri preżenti, kien qed jippretendi li kellu favur tiegħu lokazzjoni mill-enfitewta temporanju, u li din il-lokazzjoni kienet valida anke fil-konfront tas-suċċessuri ta' l-istess enfitewta temporanju,

ċjoè ta' l-atturi billi kienet magħmula taħt kondizzjonijiet ġusti fit-termini ta' *l-artikolu 1619 tal*-Kodiċi Ċivili għar-raġunijiet li kien qiegħed jissottometti. L-ewwel Qorti, meta eżaminat il-kwistjoni jekk il-kondizzjonijiet kinux ġusti jew le kienet qiegħda sempliċement tara jekk l-eċċezzjoni tal-*konvenut*, magħmula a *bażi ta' l-artikolu 1619, kinitx fondata* jew le u *din il-Qorti fid*-deċiżjoni tagħha għamlet l-istess ħaġa. Biex tiddeċidi jekk il-lokazzjoni magħmula mill-enfitewta temporanju *favur il*-konvenut *kinitx tiswa jew le favur* l-atturi, is-suċċessuri ta' l-enfitewta temporanju, u għalhekk tiddeċidi jekk il-konvenut kienx qed jokkupa l-fond b'titolu validu jew le (mertu tal-kawża skond l-avviż), il-Qorti ta' bilfors *kellha skond it*-termini ta' l-artikolu *1619* invokat mill-konvenut tidħol fil-kwistjoni jekk il-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni kinux ġusti jew le billi jekk dawn ma kinux ġusti, allura, skond l-artikolu 1619, *ma* setax jingħad *li kien hemm lokazzjoni* li *kienet tiswa fil-konfront ta'* l-atturi. Ta' min jinnota wkoll illi meta ngħatat is-sentenza mill-ewwel Qorti (li, kif ingħad ukoll kienet daħlet fil-kwistjoni jekk il-kondizzjonijiet *kinux ġusti jew le*), fl-appell tiegħu minn dik id-deċiżjoni kienet *extra petita* jew *ultra petita* iżda ssottometta li għar-raġunijiet minnu miġjuba l-kondizzjonijiet kienu ġusti (fol. 61 u 62);

Kwantu mbagħad għat-tieni aggravju, kif jidher ampjament mill-proċess, inkluża n-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-*konvenut fejn irriferixxa* għall-ħanut *"Welcome Store ġà Francica Store"* ma hemmx dubju li l-fond *de quo,* mertu tal-kawża, kien wieħed – dak oriġinarjament konċess *lil* Emanuele Francica b'*titolu ta' enfitewsi temporanja* b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Francis Micallef fil-15 ta' Ġunju, 1963, u l-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dan il-fond li kien jifforma l-mertu tal-pretensjoni dedotta fl-avviż. L-ewwel Qorti

ddeċidiet fuq din il-pretensjoni dedotta fl-avviż u din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni għamlet l-istess. Il-Qorti għalhekk ma tarax li d-deċiżjoni tagħha kienet *extra petita* jew *ultra petita*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi t-talba tal-konvenut għar-revoka u tħassir tas-sentenza mogħtija minnha fil-25 ta' Novembru, 1986, fuq imsemmija u għalhekk tiċħad it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni tal-kawża bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.